31980R0632

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 632/80

ta' l-14 ta' Marzu 1980

li jistabbilixxi regoli dettaljati għaż-żieda ta' sukrożju f'soluzzjoni mill-ilma *(aqueous solution)* fil-każ ta' prodotti speċifikati ta' l-inbid f'ċerti reġjuni taż-żona A tat-tkabbir ta' l-inbid u li jemenda għat-tieni darba r-regolament (KEE) Nru 1594/70

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/79 tal-5 ta' Frar 1979 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 459/80 [2], u partikolarment l-Artikolu 33 (8) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 338/79 tal-5 ta' Frar 1979 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċjali li jirrelataw ma' inbejjed ta' kwalità prodotti f'reġjuni speċifikati [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 459/80, u partikolarment l-Artikolu 8 (6) tiegħu,

Billi r-riżultat ta' l-emenda reċenti għar-Regolament (KEE) Nru 337/79 u (KEE) Nru 338/79 huwa li t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 33 (3) tar-Regolament (KEE) Nru 337/79 u l-ħames subparagrafu ta' l-Artikolu 8 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 338/79 jipprovdu għall-possibblità li jżidu, sal-15 ta' Marzu 1984, sukrożju f'soluzzjoni mill-ilma fil-każ ta' prodotti magħmula minn varjetajiet tad-dielja li tipproduċi għeneb relattivament aċiduż u li huma magħmulin minn għeneb maħsud f'ċerti reġjuni tat-tkabbir ta' l-inbid fil-parti tat-tramuntana taż-żona tat-tkabbir ta' l-inbid A fejn din il-prattika hija tradizzjonali u abitwali; billi huwa meħtieġ, għalhekk, li tispeċifika l-varjetajiet tad-dielja kif ukoll ir-reġjuni konċernati;

Billi l-ispeċifikazzjoni ta' tali varjetajiet tad-dielja tirrendi superfluwu l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 1594/70 [4], kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2531/77 [5];

Billi l-miżuri li hemm provdut għalihom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-varjetajiet tad-dwieli li hemm riferenza għalihom fl-ewwel inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 33 (3) tar-Regolament (KEE) Nru 337/79 u fl-ewwel inċiż tal-ħames subparagrafu ta' l-Artikolu 8 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 338/79 huma r-"Riesling" u l-"Elbling".

2. Ir-reġjuni tat-tkabbir ta' l-inbid li hemm riferenza għalihom fit-tieni inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 33 (3) tar-Regolament (KEE) Nru 337/79 u fit-tieni inċiż tal-ħames subparagrafu ta' l-Artikolu 8 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 338/79 huma dawn li ġejjin:

— Ahr,

— Mittelrhein,

— Rheingau,

— Mosel/Saar/Ruwer,

— Nahe,

— Moselle luxembourgeoise.

3. Prodotti li għandhom biss aċidità minima ta' 12-il gramma għal kull litru bħal aċidu tartariku jista' jkollhom miżjud magħhom is-sukrożju ma' soluzzjoni mill-ilma sabiex iżid il-qawwa alkoħolika.

Artikolu 2

L-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 1594/70 huwa hawnhekk revokat.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jibda' jseħħ fl-1 ta'Marzu 1980.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Marzu 1980.

Għall-Kummissjoni
Finn GUNDELACH
Viċi-President

---

[1] ĠU L 54, tal-5.3.1979, p. 1.
[2] ĠU L 57, tad-29.2.1980, p. 32.
[3] ĠU L 54, tal-5.3.1979, p. 48.
[4] ĠU L 173, tas-6.8.1970, p. 23.
[5] ĠU L 294, tat-18.11.1977, p. 10.